MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 977/2005

**Kurt Borg I.D. Numru 132583 (M)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l**-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Peress illi l-attur Kurt Borg twieled fl-erba' u ghoxrin (24) ta' Frar elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) f'Malta;

Peress illi ghalhekk l-attur Kurt Borg huwa rregistrat li twieled hawn Malta liema certifikat igib in-numru 0775480 jindika fil-kolonna taht "Isem u Kunjom u post tat-twelied

tal-missier” l-isem “Martin Borg (Pieta Malta)” (vide Dok A);

Peress illi missier l-attur Kurt Borg li hu Martin Borg, ghalkemm ic-certifikat tat-twelied tieghu juri li missieru kunjomu Borg u ommu Coppini, u ghalkemm hu kien irregistrat bil-kunjom Borg (vide Dok B), huwa talab sabiex izid kunjom ommu flimkien ma dak ta’ missieru biex issa kunjmu sar “Borg Coppini” (Vide Dok D);

Peress illi ghalhekk l-attur Kurt Borg, sabiex ikun bl-istess kunjom ta’ missieru, jixtieq jipprevalixxi mill-fakolta li taghtih il-Ligi u jzid kunjomu sabiex jirrifletti l-istess kunjom bhal dak ta’ missieru u cioe’ “Borg Coppini” billi “Borg” huwa l-kunjom li bih gie registrat fl-Att tat-Twelied tieghu u l-kunjom “Coppini” huwa l-kunjom ta’ omm missier l-attur (vide Dok. C);

U peress illi l-Att tat-twelied tal-attur jrid jinbidel stante illi taht il-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-Twlied tal-missier” hemm indikat illi isem missier l-attur Martin Borg huwa fil-fatt “Martin Borg Coppini” u ghalhekk ma jikkombacjax la mal-att tat-twelid tal-attur stess u l-anqas mal-karta tal-identita’ ta’ missier l-attur u ghaldaqstant jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili sabiex issir korrezzjoni tal-Att ta’ Twelied tal-attur fuq indikat;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-attur jizdiedlu l-kunjom “Coppni” flimkien ma dak “Borg” u li ismu ghandu jkun effettivament “Kurt Borg Coppini” bhala l-kunjom missieru;

2. Tordna u tiddecidi illi c-cetifikat tat-twelied hawn anness u mmarkat bhala Dok. A ghandu jigi korrett fis-sens illi fil-hames paragrafu tal-imsemmi certifikat u cioe’ taht “Isem u kunjom u post tat-twelied tal-missier” jigu sostitwiti il-kliem “Martin Borg” bil-kliem “Martin Borg Coppini”, u jekk dan ma jistax isir, titnizzel annotament fil-margini tac-certifikat tat- twelid tal-attur fil-verzjoni tieghu

originali u bin-numru progressiv 1325 tas-sena 15 ta' Marzu, 1983 (Dok. A1) li jindika li l-attur huwa wkoll maghruf bhala Kurt Borg Coppini;

3. Tordna u tiddecidi illi jsiru tali korrezzjonijiet f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jixhed ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku** a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-esponent joggezzjona ghall-korrezzjoni mitluba fit-talbiet attrici stante illi l-Att ta' Twelied huwa dokument storiku u jirrifletti r-realta' tal-fatti fid-data tat-twelied ta' l-attur Kurt Borg. Fil-fatt mill-Att tat-Twelied ta' l-attur registrat fir-Registru Pubbiku, lill-esponenti jirrizultalu illi fid-data tat-twelied tieghu taht il-kolonna li tindika isem u kunjom tad-dettalji tal-missier it-tarbija hemm specifikat "Martin Borg" filwaqt li taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm hemm specifikat "Stella wife of the said Martin Borg" u dana skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur Kurt Borg ghandu d-dritt ai termini ta' l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili li jzid kunjom xbubit ommu wara dak ta' missieru pero' il-ligi ma taghtihx dritt li jitlob il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelied tieghu stante ili fid-data tat-twelied tieghu ma jirrizultax illi missier l-attur kien juza il-kunjom "Borg Coppini'.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju wkoll, fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-attur irid jispecifika l-atti ta' l-istat civili li qed jitlob li ssir korrezzjoni fihom.

4. Illi l-attur kellu jipprezenta kopja ta’ l-original ta’ l-Att ta’ Twelied in kwistjoni li hemm registrat fir-Registru Pubbliku u mhux estratt.

5. Illi ghandha ssir korrezzjoni fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni guramentata precizament fin-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att ta’ Twelied relattiv li ghandu jaqra 1325 tas-sena 1983.

6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att ta’ Twelied ta’ l-attur mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur;

Rat id-digriet a fol 29 fejn giet awtorizzata korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

B’riferenza ghall eccezzjonijiet tal-konvenut, l-attur esebixxa kopja tal-original tac-certifikat tat-twelid tieghu Dok A1 a fol 30.

Illi l-konvenut oppona t-talba ta’ l-attur ukoll billi rritjena li l-Att ta’ Twelid ta’ l-attur huwa dokument storiku u jirrifletti r-realta’ tal-fatti fid-data tat-twelid tieghu. Mill-Att tat-Twelied ta’ l-attur a fol 30 jirrizulta li fid-data tat-twelid tieghu missieru jidher bhala “Martin Borg” filwaqt li ommu hija ndikata bhala “Stella wife of the said Martin Borg”.

Ghalhekk f'dak id-dokument ma hemm ebda zball x'jigi kkorreggjut.

Illi sussegwentement l-attur talab u ottjena korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens li zied talba fis-sens li *jekk dan* ( skond it-talba originali) *ma jistax isir, titnizzel annotament fil-margini tac-certifikat tat-twelid ta' l-attur fil-verzjoni tieghu originali u bin-numru progressiv 1325 tas-sena 15 ta' Marzu, 1983 (Dok. A1) li jindika li l-attur huwa wkoll maghruf bhala Kurt Borg Coppini*.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikolu 253(1) u (2) tal-Kap 16 li jippermetti, taht certi cirkostanzi, l-bdil ta' isem ta' persuna, u mhux fil-kunjom (ara Damian Damian-Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku, App 16/12/2003). Dak li qed jitlob l-attur huwa korrezzjoni fil-kunjom, haga li tista' ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li fl-att ta' twelid ta' l-attur a fol 30 missieru jidher bhala "Martin Borg" u ommu bhala "Stella wife of the said Martin Borg". Il-certifikat ta' twelid ta' persuna jindika l-kunjom ta' missier dik il-persuna u l-kunjom tal-missier isir il-kunjom ta' dik il-persuna li ghaliha jkun jirreferi c-certifikat. Ghalhekk fic-certifikat ta' l-attur ma hemm ebda zball fil-kunjom ta' missieru x'jigi korreggjut. Anke fic-certifikat ta' missier l-attur Dok B a fol 7 il-kunjom huwa "Borg" biss.

Missier l-attur xehed a fol 26 li hu twieled bl-isem (proprjament b'kunjom) ta' missieru cjoe Borg, izda sussegwentement u wara li kellu t-tfal, zied il-kunjom ta' ommu u cioe Coppini, biex b'hekk kunjomu huwa Martin Borg Coppini skond kif jidher fl-I.D.tieghu.

Illi fic-certifikat ta' l-attur, il-Ligi, Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili tippermetti biss li mal-kunjom tal-missier, dik il-persuna (f'dan il-kaz l-attur) jista jzied warajh kunjom xbubit ommu – f'dan il-kaz Ellul – u mhux Coppini, l-kunjom tan-nanna paterna.

L-attur ghamel referenza ghall diversi sentenzi (ara nota tieghu) fejn issottometta li, f'certi kazijiet, il-Qorti ghalkemm ma kienitx laqghet it-talba ghal-korrezzjoni tac-certifikat, kienet ippermettiet li ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' persuna li talbitha. Din il-Qorti pero' tirrileva li, per ezempju fil-kaz Rizzo sive Rizzo Naudi vs Direttur tar-Registru Pubbliku, Appell 20/1/1986, u Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku, App 2/3/1994, l-Qorti kienet eccezzjonalment laqghet it-talba ta' l-attur biex issir annnotazzjoni ghax it-talba kienet biex jigi nkluz il-kunjom ta' xbubit l-omm wara ta' missierhom u mhux l-inkluzjoni tal-kunjom tan-nanna paterna, kif qed jitlob l-attur f'dan il-kaz.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Damian Damian-Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku, App 16/12/200 .

"Annotazzjoni fil-margini tal-att ta' twelid, jekk hi permessa mill-gurisprudenza ghandha ssir biss f'kazijiet eccezzjonali li verament ikunu jimmeritaw li dak l-att b'xi mod jintmess. Fil-kaz ta' *Zammit sive Zammit Pace* l-attur kien almenu addotta kunjom ommu". Fil-kaz odjern l-attur qed jitlob li jinkludi l-kunjom tan-nanna paterna, li mhux permissibli mill-ligl.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talbiet ta' l-attur;
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------